MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2012

Numru. 588/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur James Grech]**

**vs**

**Daphne Anne Caruana Galizia**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Daphne Anne Caruana Galizia detentrici tal-karta tal-identita` numru 450664(M).

Akkuzata talli nhar it-2 ta' Marzu, 2010 ghal-habta tas-13:30hrs gewwa l-Belt, Valletta:

1. bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas il-gieh ta' Charlon Gouder, weggghetu bi kliem, b'gesti jew b'xi mod iehor u dan bi ksur ta' Artikolu 252(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

u aktar talli bejn l-1 ta' Jannar 2010 u t-2 ta' Marzu, 2010, f'hinijiet differenti f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnha li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

2. gabet ruhha b'mod li tat fastidju lil Charlon Gouder, u b'mod li kienet taf jew imissha kienet taf li dan kien ta' fastidju ghal Charlon Gouder u dan bi ksur tal-Artikolu 251A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas il-gieh ta' Charlon Gouder, weggghajtu b'kitba, b'figuri jew b'disinji mxandrin jew esposti fil-pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 252(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. u aktar talli tat malafama lil Charlon Gouder permezz ta' pubblikazzjoni jew tqassim f'Malta ta' stampat, jew bil-mezz ta' xi xandir u dan bi ksur tal-Artikolu 3 u 11 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Charlon Gouder u sabiex tinzamm il-bonordndi pubblika, torbot lill-imsemmija Daphne Anne Caruana Galizia b'obbligazzjoni taghha nnifisha taht penali ai terminu tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-parte civile Charlon Gouder li biha qed jiddikjara ruhu bhala parte civile.

Rat l-ezami tal-imputata li wiegbet mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha kif ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali li ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda kollha u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat illi l-akkuzi kontra l-imputata jistghu jigu kklassifikati taht l-ingurja tal-Kodici Kriminali u dik ta' libell taht il-Kap 248 u cioe` il-Ligi tal-Istampa, imbaghad ghandek akkuza ohra tal-fastidju.

Illi l-incident li skatta dawn l-akkuzi kien illi fit-2 ta’ Marzu 2010, meta l-imputata kienet hierga mill-Qorti fejn kienet qed tigi ttrattata l-kawza fil-konfront ta l-istess imputata fuq rapport tal-Magistrat Consuelo Scerri Herrera, illi kien hemm *cameraman* tal-One Productions flimkien ma’ Charlon Gouder li dawn bdew jigru warajhom bil-camera sabiex b’xi mod jiehdu xi intervista jew jigi mismugh x’kien qed jintqal meta l-imputata kienet qed titkellem mal-avukat taghha u mal-familjari taghha.

Illi hekk kif spjegat l-akkuzata fix-xhieda taghha, hi kienet qed titkellem mal-avukat taghha b’mod kunfidenzjali fuq il-kawza u allura dan kollu kien kopert bis-sigriet professjonali. Hi u l-familjari taghha pprovaw b’kull mod sabiex juru lill-*cameraman* Bjon Jo Zammit d-dissent taghhom u biex ma jigux irregistrati. Kien f’dan il-mument illi allegatament l-imputata qalet xi kliem lill-parte civili, u liema kliem huma l-mertu tal-vertenza odjerna.

Illi dan l-incident huwa bbazat taht l-Artikolu 252(1) tal-Kap 9 u cioe` l-ingurja.

Illi l-akkuzi l-ohra u cioe` tal-fastidju u dik taht il-Ligi tal-Istampa tirreferi ghal incidenti li graw fuq i-sit elettroniku bl-isem Daphne Caruana Galizia’s Notebook (Running Commentary) sussegwentement ghall-incident hawn fuq ikkwotat.

Illi mix-xhieda tal-parte civile Charlon Gouder hareg illi huwa kien assenjat sabiex jirraporta fuq il-kaz tal-Qorti hawn fuq imsemmi u meta din spiccat iltaqghu barra l-Qorti u meta kien hemm il-*cameraman* tas-Super One fuqhom u Charlon Gouder kien fil-vicinanza, hu jixhed illi l-imputata dahret fuqu u qaltlu l-kliem “Charlon Gouder mar ma xi qahba llum” u dawn il-kliem ghal darbtejn. Huwa xehed illi hassu mmalafamat b’dawk il-kliem.

Illi din kienet biss f’succint ix-xhieda tal-parte civile relatat biss mal-incident tat-2 ta’ Marzu, 2010. Il-parte civile bl-ebda mod ma accenna fuq il-kwistjoni tal-fastidju allegatament subit mill-imputata jew fuq l-akkuza taht il-

Ligi tal-Istampa u cioe` fuq dak li gie rrapurtat fuq is-sit elettroniku hawn fuq kkwotat. Il-parte civile ma giex mistoqsi sabiex jikkonferma bil-gurament id-dokumenti mehudin minn dan is-sit u esebiti fl-atti a fol 39-55 u l-anqas biss ingabet il-prova mill-prosekuzzjoni ta' min jikkontrolla s-sit elettroniku hawn fuq ikkwotat, liema prova hija mandatorja taht l-istess Ligi. Din il-Qorti ma thossx li tista' tassumi li l-imputata ghandha il-kontroll tas-sit elettroniku de quo u dan sempliciment ghaliex l-istess sit igib l-isem ta' l-imputata meta kien jispetta lill-prosekuzzjoni li ggib il-prova bazika dwar fuq minn huwa registrat dan is-sit u fuq kollox minn jikkontrolla u b'hekk minn hu risponsabbli ta' dak li jigi rapportat fuq dan is-sit [1]. Prova li fl-opinjoni ta' din il-Qorti setghet facilment tingieb u kellha tkun il-bazi tal-provi imressqa mill-prosekuzzjoni. U dan izjed u izjed meta hawn qeghdin f'materja ta' indoli kriminali. Illi l-unika tentattiv li sar, liema tentattiv, fl-opinjoni ta' din il-Qorti kien incidentali, kienet domanda li ghamlet il-prosekuzzjoni lill-imputata in kontro-ezami fejn din saqsiet jekk l-imputata kienetx kitbet fuq il-kwistjoni fuq is-sit taghha, ghal liema domanda l-imputata wiegbet "kont ktibt dwaru..." Din il- Qorti ma thossx illi fuq kwistjoni ta' indoli kriminali wiehed jista jistrieh biss fuq dan bhala xi prova tal-konnessjoni legali u b'hekk ir-responsabbilita` kriminali ta' individwu.

Illi ghalhekk il-Qorti thoss illi l-akkuzi 2 sa 4 gew tacitament irrinunzjati stante li l-parte civile ma xehed xejn fuq dawn u stante li l-prosekuzzjoni ma gabitx provi sufficjent skont kif trid il-ligi sabiex tissodisfahom.

---

[1] Fuq l-element tal-prova u fuq minn jistrieh tali obbligu vide:

(1) Dr H Lenicker vs J Camilleri (Prima Awla 31/5/1972); u
(2) Joseph Tonna vs. Philip Azzopardi (Appell Inferjuri) 12/4/2007;

Il-Qorti tirreferi ukoll ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell sede Inferjuri fl-ismijiet Carmel Mifsud Borg vs. Kurt Farrugia tal-11 ta' Dicembru 2009 fejn l-istess Qorti ta' l-Appell irrinvijat lura l-atti lill-Qorti tal-Magistrati sabiex dina taghti l-opportunita lill-attur jressaq prova dwar il-konnessjoni tal-konvenut Farrugia mas-sit elettroniku Maltastar.com, u dan peress li kienet tqajmet punt simili mill-konvenut Farrugia ghal dak odjern quddiem il-Qorti tal-Magistrati wara l-eghluq tal-provi. Din il-Qorti thoss illi minkejja l-insejament tal-Qorti ta' l-Appell jista japplika fi proceduri civili (bhal ma kienu dawk li fuqhom iddecidiet il-Qorti ta' l-Appelli), certament illi tali principju m'ghandux japplika fi proceduri ta' natura kriminali bhal dawn odjerni.

Illi ghalhekk l-argument principali ta' din is-sentenza ser ikunn iffokat fuq l-incident li nqala fit-2 ta' Marzu 2010, quddiem il-Qorti.

Illi l-aggravju principali tal-parte civile huwa li kien hemm mill-imputata dak li jissejjah *l'animus iniuriandi* u cioe` il-hsieb tal-ingurja. Illi skont l-imputata, kulma ghamlet kienet illi rriproduciet x'kien intqal fuq mezz ta' komunikazzjoni "You Tube" dak li kien hareg hemmhekk u li ghalhekk kien ta' dominju pubbliku. Fil-fatt dan il-filmat gie esebit fl-atti mill-imputata u mmarkat Dok. DCG1 u li juri ahbar fuq Charlon Gouder u fuq qahba li serqitlu l-portmoni mill-Marsa.

Illi fuq dan il-punt l-Imhallef Harding fis-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-8 ta' Jannar 1959 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Joseph Micallef Stafrace*** qal hekk:

***"Inghad fil-gurisprudenza ngliza illi "The law looks at the tendency and at the consequences of the publication, not at the intention of the publisher ... If the defendant has published words which have in fact injured plaintiff's reputation, he must be taken to have intended the consequences naturally resulting from his act".***

Din il-gurisprudenza baqghet tigi segwita anke taht il-Kapitolu 248 (ara ***Pulizija v. Anthony Montanaro u Joseph Busuttil (23/9/76)*** u ***Pulizija v. Onor Perit Michael Falzon u Paul Spiteri (App Krim 15/12/77)***.

Fil-kawza ***Il-Pulizija v. Joseph Gauci*** (3/09/2001) il-Qorti qalet hekk:

***". . . ma hemmx dubbju li l-ingurja kontemplata fl-Artikolu 252(1) tal-Kodici Kriminali trid tkun maghmula bil-hsieb specifiku li dak li jkun inaqqas jew itellef il-gieh ta' haddiehor. Hi dottrina pacifika li meta l-kliem (jew atti, kitba, disinji, ecc) ikunu manifestament ingurjuzi, tali intenzjoni specifika hi presunta, u jkun jinkombi fuq l-imputat jew akkuzat li jipprova (imqar fuq bazi ta' probabbilita`) li dawk il-***

***kliem ma qalhomx bil-hsieb li joltraggja, izda b'xi skop iehor rikonoxxut mil-ligi li jinnewtralizza l-*****animus iniuriandi*****. Hekk, per ezempju, jekk il-kliem in kwistjoni jkunu ntqalu* animus corrigenda*, jew* animus consulendi*, jew* animus jocandi *ma jistax jinghad li hemm reat kontemplat fl-Artikolu 252(1) tal-Kodici Kriminali (ghalkemm fil-kaz ta' kliem li jingh*a**d *animus iocandi jista' jkollok, fil-ligi taghna, l-ingurja kontemplata fl-Artikolu 339(1)(e). "***

Illi fis-sentenza tal-Qorti Kriminali, gie amplifikat dan il-punt fil-kawza bl-ismijiet ***Emmanuele Baldacchino v. Stella Abela et. (App Krim 6/12/1948)*** fejn qalet hekk:

***". . . hu principju sancit mill-gurisprudenza illi jekk persuna, ghal ragunijiet tajba, tkun gustifikata illi tahseb ragjonevolment, u mhux bla motiv gust, illi haddiehor ghamel reat a dannu taghha, u timputalu dan ir-reat, allura b'daqshekk ma hix soggetta ghal proceduri ghall-ingurja. Izda hi kondizzjoni, fost ohrajn, ta' applikabilita ta' dan il-principju illi l-imputazzjoni ghandha ssir bl-anqas pubblicita` possibbli."***

Illi dan gie kkonfermat ukoll fil-kawza bl-ismijiet ***Maria Bovett v. Lorenza Formosa (App Krim 8/06/1957)*** fejn intqal:
***". . . biex wiehed jista' jitlob dawk il-mezzi ta' difiza, jehtieg li jkun zamm ruhu fil-limiti ta' kliem konfidenzjali, li jkun qalhom biss lil min kien mehtieg li jghidhom biex jirraggungi l-iskop suppost salutari tieghu, bla ebda publicita', u, kif inghad "senza mescere un po' di livore proprio".***

Illi jekk wiehed jara x'qalet l-imputata fis-xhieda taghha a fol 81 f'pagna 2 qalet hekk:

***"Dawna*** (tirreferi ghal Bjon Jo Zammit u Charlon Gouder) ***bdew jigru warajna, litteralment bil-camera, ahna nimxu u Bjon Jo Zammit jiffilmja, jigifieri jimxi b'lura u jiffilmjana nimxu l-vera kienet ta' barra minn hawn, jigifieri lanqas biss stajna nitkellmu. Jien ma stajtx***

***inkellem lill-Avukat tieghi ddroppjaw il. . . tal-microphone jigifier anke' tippikkja jekk tkun qed titkellem vera, vera bil-mod tippikkja u ppikkjaw il-konversazzjoni ta' bejnietna u xandruha filghaxija fuq is-Super One, konversazzjoni bejni u bejn l-Avukat. . . . . Mort biex naghmillu domanda ghax nahseb li huma jinsew li jiena gurnalista wkoll u Ghandi kull dritt u l-obbligu li nsaqsi domandi u kif gejt biex insaqsih dik id-domanda hu resaq l-hemm, jigifieri hu mhux veru ma setax semghani ghax hu resaq l-hemm u mar x'imkien iehor dak il-hin u indirizzajt ruhi litteralment fil-camera stess, tkellimt ghal go l-cameraman. U niftakar ghidt bejni u bejn ruhi issa jiena ha nfottilhom il-filmat li ghandhom, ha nsaqsi d-domanda go l-camera u ma jistghux juzaw il-filmat u minflok huma qabdu l-filmat qatghu dawk il-kliem u ghamlu plejtu shih bl-istorja huma stess".***

Illi ghalhekk jidher car illi l-intenzjoni vera u proprja tal-imputata meta qalet dawk il-kliem kien mhux li tingurja lill-parte civile izda, li wara li hi stess bdiet thossha ffastidjata ghaliex kien qeghda tigi vvjolata d-dritt taghha li tikkonsulta ma' avukat fil-privatezza, hi qalet dawk il-kliem fil-*camera* sabiex ma jintuzax dak il-filmat li kien ittiehed qabel bejnha u bejn l-avukat taghha. Illi rrizulta pero` wara illi effettivament dak il-filmat hareg fuq is-Super One dik il-gurnata fil-ghaxija.

Illi ghaldaqstant il-Qorti thoss illi d-difiza sabiex tigi newtralizzata l-*animus iniuriandi* qeghda fil-fatt illi :

i) L-imputata uzat kliem fuq fatti li kienu diga ta' dominju pubbliku;

ii) Li l-imputata kienet qed thossha aggravate minn dak li kien qed jigri meta hassitha ivvjolata meta kienet qed titkellem fil-privatezza mal-avukat taghha; u

iii) Meta hi indirizzat lil-camera u mhux qaghdet ixxandarha man-nies kollha li kien hemm fi Triq ir-Repubblika.

Illi ghalhekk l-imputata irnexxielha tipprova fuq bazi ta' probabbilita` in-nuqqas ta' *animus iniuriandil* rikjest mill-ligi sabiex din l-akkuza tigi ppruvata.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 252(1), 251A, 252(1)(3) tal-Kap 9 u Kapitolu 248 Artikoli 3 u 11 tal-Ligijiet ta' Malta, ma ssibx lill-imputata Daphne Caruana Galizia hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha stante li dawn ma gewx ippruvati skont il-grad li trid il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------